AEC Australian Electoral Commission
www.aec.gov.au

# Fact Sheet

**Maltese**

F'jum l-elezzjoni, tirċievi żewġ karti tal-vot: waħda ħadra għall-Kamra tar-Rappreżentanti u waħda bajda għas-Senat.

## Karta tal-vot ħadra – Innumra kull kaxxa.

Għal karta tal-vot il-ħadra, trid tagħmel **"1"** fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li tagħżel l-ewwel, **"2"** fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li tagħżel it-tieni u tkompli sakemm tinnumra **kull** kaxxa.

Tagħmilx marki, slaleb, jew tħalli kaxxi vojta, inkella l-vot tiegħek ma jkunx jgħodd.




## Karta tal-vot bajda – Żewġ modi kif tivvota.

Għall-karta tal-vot il-bajda għandek għażla tal-mod li tivvota:

**Fuq il-linja**

Tista' timmarka biss **"1"** fil-kaxxa ta' fuq il-linja għall-partit jew grupp li tagħżel. B'hekk tkun qiegħed/qegħda ssegwi il-Group Voting Ticket (Kif Jixtieqek Tivvota l-Grupp) u tkun qed tippermetti l-ordni tal-voti tiegħek tiġi determinata mill-partit jew grupp tiegħek. Biex issir taf iżjed dwar il-Group Voting Tickets fittex fuq www.aec.gov.au




**Jew**

**Taħt il-linja**

Tista' tagħżel li timla kull kaxxa ta' taħt il-linja fl-ordni tal-preferenza tiegħek. Trid tagħmel **"1"** fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li tagħżel l-ewwel, **"2"** fil-kaxxa ħdejn il-kandidat li tagħżel it-tieni u tibqa' sejjer/sejra sakemm tkun innumrajt **kull** kaxxa.




## X'jiġri jekk nieħu żball?

Jekk tieħu żball, tinkwetax: sempliċement itlob karta tal-vot oħra, u erġa' ibda.